**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 t'Ottubru 2023**

Rikors Numru: 301/23 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 2205/2000)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi il-partijiet iżżewġu nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn (2000) (Dok MF 1 Anness).

2. Illi minn dan iż-żwieg, ma twieldux tfal.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-wiehed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), u dan bis-sahha ta' Att

pubbliku ippubblikat minn Nutar Dottor Gertrude Farrugia Wismayer fl-istess jum. (Dok MF 2 Anness).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet li illum il-ġurnata qegħdin jgħixu hajja totalment separati minn xulxin u ilhom jgħixu hekk separati sa minn meta sseparaw legalment.

5. Illi ma hemm ebda pendenzi tamanteniment bejn il-partijiet, anzi l-istess partijiet iddekadew għad-dritt tagħhom li jitolbu u jirċievu manteniment minghand xulxin.

6. Illi r-rekwiziti għall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għalhekk huma sodisfatti, peress li jezistu raġunijiet biżżejjed ai termini tal-liġi, sabiex iż-żwieg odjern jiġi maħlul.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ ossija id-divorzju, ikkontrattat bejn il-partijiet nhar is-sittax (16) ta' Diċembru tas-sena elfejn (2000), u li l-partijiet huma divorzjati għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi; u;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar- Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, fi żmien hemm akkordat minnha biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku skont il-liġi.

U dan taħt kwalunkwe provvediment ieħor li din l-Qorti jogħġobha tagħti.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat li permezz tagħha espona:

1. Illi din ir-risposta qiegħa ssir ai termini tad-digriet tadin l-Onorabbli Qorti datat 29 ta' Mejju 2023 in segwitu għar-rikors ta' A B, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-numru X;

2. Illi l-konvenut E jaqbel u jikkonferma bil-gurament l-informazzjoni mogħtija mill-attriċi b'referenza għaż-żwieġ tagħhom, in-nuqqas ta' tfal, il-fatt li ilhom separati sa mill-wieħed u għoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta (2003), li ma hemm l-ebda prospett għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, li l- partijiet qiegħdin jgħixu hajja totalment separata minn xulxin, li ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejn il-partijiet, u li hemm ir-rekwiżiti neċessarji sabiex jiġi pronunzjat id-divorzju;

3. Illi tenut kont is-surreferit, il-konvenut E jiddikjara ukoll li qiegħed jaqbel mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti Falzon u għaldaqstant, mhux qiegħed jopponi illi ż-żwieġ tagħhom jinħall u jiġi pronunzjat id-divorzju bejniethom;

4. Illi l-konvenut E sejjer jikkonferma l-kontenut ta' din ir-risposta permezz ta’ affidavit li jinsab anness ma' din ir-risposta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta’ Mejju, 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-21 ta’ Frar 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-

Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.